Permezz ta' digriet tat-22 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li Sony Interactive Entertainment Europe Ltd għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (l-Italja) fil-15 ta' Diċembru 2021 – VB vs Comune di Portici

(Kawża C-777/21)

(2022/C 148/16)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Napoli

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: VB

Konvenut: Comune di Portici

Domanda preliminari

L-Artikoli 49 u 56 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni tal-Istat Taljan (f'dan il-każ l-Artikolu 93(1-bis) u (7-bis), tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 285 tal-1992), li tipprojbixxi lil persuna li taħdem għal rasha residenti fl-Italja għal iktar minn 60 jum milli jiċċirkola f'dan l-istat b'vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor u li huwa juża abitwalment biex jiċċaqlaq u jiċċirkola fiż-żewġ Stati Membri, dak tar-residenza u dak ta' reġistrazzjoni, għall-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu (kif ukoll għal raġunijiet marbutin mal-ħajja privata tiegħu)?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Erfurt (il-Ġermanja) fit-3 ta' Jannar 2022 – HK vs Allianz Lebensversicherungs AG

(Kawża C-2/22)

(2022/C 148/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Erfurt

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: HK

Konvenut: Allianz Lebensversicherungs AG

Domandi preliminari

1) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 31 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE tal-10 ta' Novembru 1992 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja, u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE ([1]), u l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE tat-8 ta' Novembru 1990 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja, u dwar l-iffaċilitar tal-eżerċizzju effettiv tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li temenda d-Direttiva 79/267/KEE ([2]), moqri, skont il-każ, flimkien mal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-informazzjoni sħiħa lill-konsumatur tiġi pprovduta biss wara li l-konsumatur ikun ressaq talba, jiġifieri mal-polza tal-assigurazzjoni ("mudell tal-polza")?

   Fil-każ li r-risposta li tingħata tkun fl-affermattiv: dan huwa suffiċjenti sabiex ikun hemm lok għal dritt ta' kontestazzjoni lill-konsumatur, jiġifieri dritt għax-xoljiment tal-kuntratt tal-assigurazzjoni?

   Tali dritt jista' jiġi prekluż bid-dekadenza jew bl-abbuż ta' dritt jew hemm limiti oħra, bħal dawk temporali, għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt?

2) Assiguratur li ma pprovda ebda informazzjoni lill-konsumatur jew li pprovda biss informazzjoni żbaljata dwar id-dritt tiegħu għall-kontestazzjoni, huwa prekluż milli jinvoka dekadenza, abbuż ta' dritt jew skadenza tat-terminu fir-rigward tad-drittijiet li jirriżultaw minn tali sitwazzjoni għall-konsumatur, bħad-dritt ta' kontestazzjoni?

3) Assiguratur li ma ttrażmetta ebda informazzjoni lill-konsumatur jew biss informazzjoni inkompleta jew żbaljata dwar il-konsumatur huwa prekluż milli jinvoka dekadenza, abbuż ta' dritt jew skadenza tat-terminu fir-rigward ta' drittijiet li jirriżultaw minn tali sitwazzjoni għall-konsumatur, bħad-dritt ta' kontestazzjoni?

(1) ĠU 1992, L 360, p. 1.
(2) ĠU 1990, L 330, p. 50.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fil-5 ta' Jannar 2022 – XXX vs Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides

(Kawża C-8/22)

(2022/C 148/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: XXX

Konvenut: Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (1) għandu jiġi interpretat bħala li jipprevedi li t-theddida għas-soċjetà hija stabbilita minħabba s-sempliċi fatt li l-benefiċjarju tal-istatus ta' refuġjat ġie kkundannat permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment gravi jew għandu jiġi interpretat bħala li jipprevedi li s-sempliċi kundanna permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment gravi ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà?

2) Jekk is-sempliċi kundanna permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment gravi ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà, l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95/UE għandu jiġi interpretat bħala li jeżiġi li l-Istat Membru juri li sa mill-kundanna tiegħu, ir-rikorrent ikompli jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà? L-Istat Membru għandu jistabbilixxi li din it-theddida hija reali u attwali jew l-eżistenza ta' theddida potenzjali hija suffiċjenti? L-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95/UE, meħud waħdu jew flimkien mal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti r-revoka tal-istatus ta' refuġjat biss jekk din ir-revoka hija proporzjonata u t-theddida li jirrappreżenta l-benefiċjarju ta' dan l-istatus hija suffiċjentement gravi sabiex tiġġustifika din ir-revoka?

3) Jekk l-Istat Membru ma għandux juri li sa mill-kundanna tiegħu, ir-rikorrent ikompli jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà u li din it-theddida hija reali, attwali u suffiċjentement gravi sabiex tiġġustifika r-revoka tal-istatus ta' refuġjat, l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95/UE għandu jiġi interpretat bħala li jimplika li t-theddida għas-soċjetà hija stabbilita, bħala prinċipju, mill-fatt li l-benefiċjarju tal-istatus ta' refuġjat ġie kkundannat permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment gravi iżda li huwa jista' juri li ma jikkostitwixxix jew ma jikkostitwixxix iktar tali theddida?

(1) ĠU 2011, L 337, p. 9.